## FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## *SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 12 TA' LULJU, 2002**

**Avviz Numru 1436/02 AJD**
**FXB Limited**

**vs**

**Tonio u Nathalie Vella**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Gunju, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu kkundannati ihallalsu lis-socjeta' attrici is-somma ta' sitt mija u tnejn u hamsin lira Maltin u tmienja u erbghin centezmu (Lm652.48) rappresentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenuti skond l-istatement immarkat bhala Dok. A.

Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-konsenja kontra l-konvenuti.

Ra li l-konvenuti debitament notifikati baqghu ma dehrux u lanqas ma

prezentaw risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Mark Attard, rapprezentant tas-socjeta' attrici, li kkonferma li l-ammont kif ridott ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta' attrici is-somma ta' sitt mija u tnejn u hamsin lira Maltin u tmienja u erbghin centezmu (Lm652.48) bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**